MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 704/2012

**Freightzone (Malta) Logistics Limited**
**C 48680**
**Vs**
**George Farrugia & Sons Ltd**
**C 9537**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Ottubru, 2012 fejn is-socjeta' attrici qed titlob illi s-socjeta' konvenuta sabiex tigi kkundannat thallas is-somma ta' hames mija u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€590.82) rapprezentanti bilanc minnn somma akbar prezz ta' servizzi u spejjez inkorsi mis-socjeta attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 25 ta' Settembru, 2012 u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata fit-2 tà Novembru, 2012.

Ra n-nota pprezentata minn Dr Joseph Zammit fit-23 ta' Novembru, 2012 fejn permezz taghha ceda t-talba attrici rigwardanti s-sorte stante pagament fil-mori filwaqt illi jzomm ferm il-kap ta' spejjez.

It-Tribunal ghalhekk filwaqt illi ma jiehux konjizzjoni tat-talbiet attrici peress illi sar il-hlas madankollu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------